# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 829/16 MH**

**Illum, 9 ta' Frar, 2018**

**Francis Grima (ID 781757M) f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentenza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627)**

**vs**

**Il-Kumissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrent *pro et noe* tat-22 ta' Settembru 2016** permezz ta' liema premetta:

*"ILLI permezz ta' ittra ufficjali ta' nhar il-15 ta' Dicembru 2015 (***DOK: A***) - ossija ittra ufficjali numru 4153/15 - il-Kummissarju tat-Taxxi interpella lill-esponent f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627 sabiex, fi zmien jumejn min-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, huwa jhallas is-somma ta' mija u tmienja u tmenin elf, sitt mija u tlieta u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu*

*(€188,643.74) rapprezentanti somma dovuta lill-istess Kummissarju tat-Taxxi bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud;*

*ILLI, fl-istess imsemmija ittra ufficjali, l-Kummissarju tat-Taxxi wissa lill-esponent illi dik l-interpellanza kienet qed issir ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra l-esponent permezz ta' Avviz li kien intbaght lill-istess esponent;*

*ILLI, permezz tal-istess ittra ufficjali, l-Kummissarju tat-Taxxi informa lill-esponent illi, jekk huwa jonqos milli jhallas l-ammont suriferit fi zmien lilu moghti, huwa kien ser jaghddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv permezz tal-mandati opportuni;*

*ILLI, madanakollu, t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali suriferita hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan, fost ohrajn, ghar-ragunijiet segwenti:*

**I.** *Il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jsegwi d-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghaldaqstant huwa ma ghandu l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponent;*

*Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Aluminium Extrusions Limited u Raymond Borg Vs Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)****, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) nhar is-27 t'April 2016, il-*

*procedura li ghandha tigi segwita mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jottjeni titolu ezekuttiv hija s-segwenti:*

**i.** *Fl-ewwel lok tinhareg* ***l-istima, li tigi notifikata lit-taxpayer*** *li mbaghad ikollu tletin (30) gurnata min-notifika tal-avviz sabiex jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;*

**ii.** *Fit-tieni lok hu biss fejn l-istima ma tigix kontestata fit-terminu kontemplat mil-ligi, jew wara d-decizjoni tat-Tribunal, li l-avviz hu titolu ezekuttiv. L-Artikolu 59(1) jipprovdi li l-avviz mahrug mill-appellat hu titolu ezekuttiv.*

**iii.** *Fit-tielet lok fejn il-hlas jibqa' ma jsirx, l-appellant jista'* ***jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva permezz ta' nota ta' talba ghall-hlas****, u l-hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika lill-persuna li ghandha thallas (Artikolu 59(2)).*

**iv.** *Fir-raba' lok* ***jekk il-hlas jibqa' ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tan-nota ta' talba ghall-hlas, allura l-appellat jista' jghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv wara li jkunu ghaddew jumejn min-notifika ta' att gudizzjarju lill-persuna kkoncernata fejn jitlobha thallas (Artikolu 59(2)).***

*Ghaldaqstant, jispetta unikament lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex iressaq prova li turi b'mod car illi, qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali promutorja tieghu, huwa, effettivament, kien innotifka lill-esponent, f'ismu*

*personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627), bis-segwenti, ossija:*

**A.** *Bi stima ta' taxxa;*

**B.** *B'Avviz, skond l-Artikolu 59 (1) tal-Kapitolu 406;*

**C.** *B'nota ta' talba ghall-hlas, skond l-Artikolu 59 (2) tal-Kapitolu 406.*

*Ghal kuntrarju ta' dak illi wissa l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali promutorja tieghu, l-esponent qatt ma gie notifikat personalment u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) bid-dokumenti hawn fuq imsemmija, u ghalhekk it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 2015 hija manifestament intempestiva ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax, f'dan il-waqt u sakemm ma jkunu saru l-proceduri kollha rikjesti mill-ligi, u sakemm ma jkunx ghadda z-zmien kollu li trid il-ligi, jaghddi sabiex jigbor minghand l-esponent, permezz ta' atti ezekuttivi, l-ammont minnu reklamat.*

**II.** *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 2015 hija intempestiva wkoll ghaliex is-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) ghadha sallum tistenna risposta formali minghand il-Kummissarju tat-Taxxi ghall-applikazzjoni li l-istess socjeta' esponenti kienet ghamlet skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Thassir ta' Mghax u Penali Amministrattivi inkorsi taht l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-*

*Dwana u tas-Sisa u l-Atti tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ossija applikazzjoni taht l-Avviz Legali 456 tal-2011 kif emendat;*

*Ghalhekk, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas tas-somma ta' €188,643.74, kif dedotta fl-ittra ufficjali promutorja tieghu, saret f'cirkostanzi fejn l-imghaxijiet u l-penali komprizi fl-istess imsemmi ammont ghandhom jistghu jitnaqqsu sa massimu ta' tmenin fil-mija (80%), u ghalhekk ma jaghmel l-ebda sens legali jew fattwali li l-Kummissarju tat-Taxxi jivvanta titolu ezekuttiv fuq fl-ammont intier f'dawn ic-cirkostanzi.*

**III.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi penali amministrattivi komprizi fl-ammont ta' €188,643.74 li qed jigi reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi, imposti minhabba hlasijiet bin-nieqes ta' taxxa fuq il-valur mizjud, m'humiex kontemplati fil-ligi - senjatament fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-ligijiet sussidjarji relattivi - u konsegwentement l-istess Kummissarju tat-Taxxi ma jista' qatt jivvanta titolu ezekuttiv fuq l-ammont intier reklamat minnu ta' €188,643.74.*

**IV.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent, fiz-zmien kollu illi matulu kien jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) qatt ma kellu, taht it-tmexxija jew il-kontroll tieghu, xi flus jew xi proprjeta' ta' din l-istess socjeta', jew xi flus jew xi proprjeta' dovuti lill-istess socjeta', u ghalhekk huwa ma jikkwalifikax bhala rapprezentant illi huwa solidament responsabbli mas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) ghal kwalsiasi ammonti li jistghu jkunu dovuti minn din is-socjeta' lill-Kummissarju tat-Taxxi skond id-disposizzjonijiet tal- Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**V.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas tas-somma ta' €188,643.74, kif dedotta mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali promutorja tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015, hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*GHALDAQSTANT, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponent, f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd. (C 24627) umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, joghgobha tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015 hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u sabiex, konsegwentement, tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi, bl-ispejjez kontra tieghu."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-rikors promotur.

Rat **ir-risposta tal-Kumissarju tat-Taxxi tal-1 ta' Dicembru 2016**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eccezzjonijiet:

1. *"Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null u minghajr effett in kwantu m'huwa msejjes fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. Ir-rikorrenti jridu jindikaw a bazi ta' liema Artikolu/i tal-ligi hija msejjsa din il-procedura u l-esponenti jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward;*

[1] Fol 10 et seq

2. *Illi b'mod preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi;*

3. *Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tar-rikorrenti solidalment bejniethom ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni bin-numru 4153/15 hi intiza biss li tirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe' l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ottjena t-titolu ezekuttiv favur tieghu kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi peress li s-socjeta' rikorrenti ma ssottomettietx id-denunzji mehtiega skont il-ligi, l-esponenti agixxa ai termini tal-Artikoli 31 u 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u hareg stejjem fil-konfront tar-rikorrenti, li*

*gew notifikati lill-istess rikorrenti, kif se jirrizulta ulterjorment waqt is-smiegh tar-rikors;*

7. *Illi ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta, "Kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal (tar-Revizjoni Amministrattiva)", pero' r-rikorrenti ghazlu li ma jaghmlux uzu mir-rimedju moghti fil-ligi u ma ntavolaw l-ebda appell;*

8. *Illi ghalhekk kull kwistjoni rigwardanti l-istejjem mahruga taqa' fil-mansjoni esklussiva tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u dejjem bid-dovut rispett, mhux ta' din l-Onorabbli Qorti, li ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-istejjem imsemmija fit-terminu moghti fil-ligi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lill-esponenti ai termini tal-istess stejjem;*

10. *Illi l-istejjem mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 406 kif fuq inghad, jikkostitwixxu avviz u talba ghall-hlas ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta, u gia la darba ma saret l-ebda opposizzjoni ghall-istess da parte tar-rikorrenti kif tippermetti l-ligi ghalhekk l-avviz in kwistjoni sar jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-imsemmi Artikolu 59 tal-Kap. 406 li gie sussegwentement rez ezegwibbli permezz tal-ittri ufficjali in kwistjoni;*

11. *Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kienu f'posizzjoni u kellhom kull opportunita' li jikkontestaw a tempo vergine l-istejjem u t-talba ghall-hlas mahruga fil-konfront taghhom ai termini tal-Artikoli 31 u 59 tal-Kap. 406, pero' dan m'ghamluhx;*

12. *Illi ghalhekk, gia la darba r-rikorrenti kellhom l-opportunita' li jikkontestaw l-istejjem ai termini tal-ligi pero' ghazlu li jibqghu siekta, ma jistawx jikkontestaw l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*

13. *Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti li t-talba ghall-hlas maghmula mill-esponenti hi intempestiva in kwantu s-socjeta' rikorrenti applikat ghat-thassir ta' imghax u penali amministrattiva u allegatament ghadha sallum qed tistenna risposta formali minghand l-esponenti, l-esponenti jeccepixxi fl-ewwel lok li tali applikazzjoni ma tissospendix u m'ghandha l-ebda impatt jew effett fuq it-titolu ezekuttiv tal-esponenti jew l-ezekuzzjoni tal-istess. Illi ghalhekk, it-talba maghmula mill-esponenti mhix intempestiva u tista' tigi ezegwita';*

14. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok, m'huwiex minnu li s-socjeta' rikorrenti ghadha qed tistenna risposta minghand l-esponenti fir-rigward tal-applikazzjoni imsemmija. Fil-fatt jirrizulta proprju l-kontra in kwantu hu l-esponenti li qieghed jistenna risposta minghand is-socjeta' rikorrenti qabel ikun jista' jipprocedi bl-applikazzjoni ghar-remissjoni ta' imghax u penali amministrattiva sottomessa mis-socjeta' rikorrenti, kif se jirrizulta waqt is-smiegh tar-rikors;*

15. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti li l-penali amministrattivi dovuti lill-esponenti imposti minhabba hlasijiet bin-nieqes ta' taxxa fuq il-valur mizjud m'humiex ikkontemplati fil-ligi u li per konsegwenza l-esponenti allegatament ma jistax jivvanta titolu ezekuttiv fuq l-ammont intier minnu reklamat, l-esponenti jeccepixxi, bid-dovut rispett, li tali allegazzjoni mhix korretta u ghandha tigi respinta in kwantu tali penali amministrattivi jirrizultaw dovuti ai termini tal-Artikolu 27(4) tal-Kap. 406 qabel ma gie emendat, liema Artikolu jistipula li: "Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx shiha u dettaljata f'kull aspett materjali taghha* **u jekk u sakemm it-taxxa li tirrizulta li ghandha tithallas skond id-dikjarazzjonijiet fiha maghmula tkun thallset lill-Kummissarju**.*" Illi ghalkemm dan l-Artikolu gie emendat fis-sena 2014 u llum jaqra semplicement hekk: "Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx shiha u dettaljata f'kull aspett materjali taghha", dan ma jfissirx li l-penali amministrattivi li attwalment gew imposti fuq l-ammont dovut mir-rikorrenti lill-esponenti m'humiex dovuti. Fil-fatt, l-ammont shih dovut lill-esponenti jirrelata ghall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 sal-31 ta' Marzu 2012 u ghalhekk tali penali amministrattivi imposti f'dak il-perjodu, u cioe' qabel l-emenda imsemmija, huma gusti, korretti u ai termini tal-ligi. Fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jerga' jtenni bir-rispett kollu li tali eccezzjoni hi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti relattivi ghall-fatt li tali kwistjoni rigwardanti l-penali amministrattivi u jekk dawn humiex dovuti o meno taqa' fil-mansjoni esklussiva tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u mhux ta' din l-Onorabbli Qorti;*

16. *Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrent Francis Grima li hu ma jikkwalifikax bhala rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Kap. 406 u li kwindi m'huwiex solidalment responsabbli mal-istess socjeta' ghal-ammont dovut lill-esponenti in kwantu allegatament matul iz-zmien kollu li kien jokkupa l-kariga ta' direttur mas-socjeta' rikorrenti hu qatt ma kellu taht il-kontroll jew tmexxija tieghu flus jew proprjeta' tal-istess socjeta', l-esponenti jeccepixxi fl-ewwel lok li, kif gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna f'kawzi simili u kif se jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tar-rikors, "id-diretturi ma jistghux jaharbu mir-responsabbilta' taghhom billi jghidu li huma ma kienux jafu x'kienet il-vera sitwazzjoni tal-kumpanija jew li ma jifhmux jew li huma joqghodu fuq dak li jghidulhom il-konsulenti mqabbda minnhom. Lanqas ma jista' direttur jahrab mir-responsabbilta' tieghu bl-iskuza li hu kien minority shareholder jew non-executive director. Direttur, anke jekk non-executive jew minoritarju ghandu l-istess responsabbilta' bhad-diretturi l-ohra u ghandu l-obbligu li jkun jaf u jimpenja ruhu li jwettaq id-doveri mposti fuqu mil-ligi." (Andrew J. Mamo vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – Appell. Nru. 1269/2008/1, deciż 27/06/2014);*

17. *Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bir-rispett kollu hi inkoncepibbli l-allegazzjoni tar-rikorrent Grima li hu m'ghandux taht il-kontroll jew tmexxija tieghu flus jew proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti meta fil-prezent hu l-uniku direttur tas-socjeta' rikorrenti u dan sa mis-sena 2009, oltre li kien gia direttur sa mis-sena 2004 ma' certu Jason Pace li rrizenja fis-sena 2009, kif se jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tar-rikors;*

*18.Illi ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali in kwistjoni hu dovut mir-rikorrenti lill-esponenti solidalment bejniethom;*

*19.Illi ghalhekk it-talbiet kollha rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta.

Rat illi l-kaz thalla ghall-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Kummissarju ntimat[2].

Rat in-Noti ta' Sottomisjonijiet skambjati bejn il-partijiet dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet[3] u semghet it-trattazzjoni waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2017[4].

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-15 ta' Dicembru 2015 il-Kummissarju tat-Taxxi prezenta ittra ufficjali[5] kontra r-rikorrent odjern Francis Grima f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Outwest Ltd fejn a tenur tal-artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 (CHECK – Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta) interpellah sabiex ihallas l-ammont ta' €188,643.74 rapprezentanti ammonti allegatament dovuti minnu pro te noe bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-istess Att. Bl-ispejjez u bl-imghax skont l-imsemmi Att sad-data tal-pagament effettiv. L-istess ittra ufficjali tghid li l-interpellanza kienet qed issir ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux eskussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra Grima permezz tal-Avviz li ntbaggat lilu. Fin-nuqqas ta' hlas, il-

[2] Fol 33
[3] Rikorrent a fol 24 et seq u ntimat a fol 29 et seq
[4] Fol 34 et seq
[5] Fol 7

Kummissarju avzah li kien ser jghaddi biex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv li hu kellu fil-konfront tieghu permezz tal-mandati opportuni.

Fit-22 ta' Settembru 2016 Francis Grima *pro et noe* ntavola l-proceduri odjerni bil-ghan li din il-Qorti (i) tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u (ii) sabiex, konsegwentement tirrevoka t-titolu ezekuttiv pretiz mill-istess Kummissarju ntimat.

Minn naha tieghu l-intimat jilqa' ghat-talbiet attrici kemm permezz ta' eccezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll ohrajn fil-mertu fejn sostanzjalment isostni li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari li dwarhom ser tinghata s-sentenza odjerna jissollevaw in-nullita' tar-rikors promotur.

Ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li llum hija ser tkun qed tqis biss l-argumenti tal-partijiet li huma direttament relatati ma' dawn iz-zewg eccezzjoniijiet u mhux ma' eccezzjoniijiet ohra li setghet saret referenza ghalihom mill-partjiet jew min minnhom.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari**

Din l-eccezzjoni tghid hekk –

*"Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null u minghajr effett in kwantu m'huwa msejjes fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. Ir-rikorrenti jridu jindikaw a bazi ta' liema Artikolu/i tal-ligi hija msejjsa din il-procedura u l-esponenti jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward".*

Ir-rikorrent jargumenta li l-azzjoni tieghu hija msejsa kemm fuq dispozizzjiet tal-ligi u kif ukoll fuq sentenzi tal-Qrati. Ghalkemm l-artikolu 59 tal-Kap 406

ma jipprovdix procedura sabiex jigi kontestat titolu ezekuttiv bhal dak vantat mill-Kummissarju ntimat permezz ta' l-ittra ufficjali tieghu, dan ma jfissirx li mill-qari tal-Kapitolu 406 fl-assjem tieghu u fid-dawl ta' ligijiet ohra applikabbli, ma tirrizultax gwida ghal kif ghandha ssir kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv bhal dak odjern. Huwa jkompli jghid li l-procedura kontemplata taht l-istess artikolu 59 (2) tal-Kap 406 hija ntiza sabiex titolu ezekutiv jigi rez ezegwibbli u allura l-kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv bhal dak odjern necessarjament irid jigi dirett quddiem il-Qorti adita sabiex tordna l-ezekuzzjoni tieghu, li f'dan il-kaz hija minghajr dubju l-Prim Awla tal-Qorti Civili kif adita mill-istess Kummissarju ntimat permezz ta' l-ittra ufficjali tieghu.

Fis-sottomissjonijiet tieghu l-Kummissarju ntimat irrikonoxxa li r-rikorrent ma kienx obbligat li jindika ezatt l-artikolu tal-ligi li fuqu bbaza l-kawza u accetta wkoll il-fatt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent *pro et noe* indika li qed jibbaza l-azzjoni tieghu bhala konsegwenza ghall-hrug tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru 2015 mahruga a tenur tal-artikolu 59 tal-Kap 406.

**Ikkunsidrat:**

Din l-eccezzjoni hija destinata li tfalli.

Kif anke ritenut konsistentement fil-gurisprudenza, l-obbligu tal-ligi fuq min jintavola proceduri fil-Qrati mhuwhiex li jindika bil-punt u l-virgola l-artikolu fil-ligi li fuqu qieghed isejjes l-azzjoni tieghu, izda li jindika b'mod car u sewwa x'inhu l-oggett tal-azzjoni, ir-ragunijiet tat-talba tieghu u li jelenka t-talbiet tieghu.

Fil-kaz citat mir-rikorrent **Michael Barwhani pro et noe vs Kummissarju tat-Taxxi deciz fil-25 ta' Jannar 2016**[6], il-Kummissarju ntimat ressaq eccezzjoni identika ghal dik in ezami f'kuntest ta' proceduri simili fejn ir-rikorrent *pro et noe* ukoll kien qieghed jattakka ittra ufficjali mahruga mill-Kummisarju ntimat

[6] Rik 67/15

ntiza biex tirrendi ezegwibbli titolu ezekuttiv vantat mill-Kummissarju kontra Barwhani ghall-ammont indikat f'dik l-istess ittra. Dwar din l-eccezzjoni l-Qorti qalet li –

*"……mhix sostenibbli billi fir-rit proċedurali tagħna r-rikorrent huwa tenut jesponi b'mod ċar il-fattispeċje tal-każ u t-talba u xejn iktar minn hekk. Sta għall-Qorti li tindika l-liġi applikabbli."*

Dan il-principju huwa wkoll sostnut f'aktar gurisprudenza in materja.

Fil-kaz **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et deciz fl-14 t'April 2016**[7] inghad hekk-

> *Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispozizzjoni li wiehed isib ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tal-eccezzjoni tan-nullita' tal-att promotur ta' kawza minhabba n-nuqqas ta' harsien tal-ligi. Bosta minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li ttalba kienet incerta. Biz-zmien issawret it-tejorija, maghrufa bhala "tal-ekwipollenti", li nisslet il-principju li mhijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni[8];*
>
> *Illi, ghalhekk, rikors mahluf m'ghandux jitwaqqa' ghajr ghal raġunijiet gravi[9]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalita' tali li jcahhad b'mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ir-Rikors Mahluf ghandu jitwaqqa'[10]. Ghaldaqstant, biex Rikors Mahluf jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem lintenzjoni ta' min harrikha[11], u li tali tifsira, kif inghad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur[12];*
>
> *Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli talazzjoni ghandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri[13]. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah ilkawza jkun irid jirrizulta mill-att promotur innifsu u*

[7] Rik Gur 1190/10MCH

[8] PA 09/03/1965 fil-kawza fl-ismijiet **M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe**. (Kollez. Vol: XLIX.ii.809) u s-sentenzi hemm imsemmija

[9] App 20/02/1935 fil-kawza fl-ismijiet **Merola pro et vs Caruso** (Kollez. Vol: XXIX..i.106)

[10] App 22/05/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna vs Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299); u Kumm 19/06/1989 fil-kawza fl-ismijiet **Frendo noe vs Attard noe** (Kollez. Vol: LXXIII.iv.971) u s-sentenzi hemm imsemmija

[11] PA 14/02/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Coleiro vs Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779)

[12] App Kumm 20/01/1986 fil-kawza fl-ismijiet **Bonnici vs Zammit noe et** (Kollez. Vol: LXX.ii.243)

[13] App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)

*mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza*[14]*. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila talatt li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura ma jistax jinghad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-procedura ma tkunx tista' tigi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax issustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet*[15]*;*

Imbaghad fil-kaz **George Micallef vs Anthony Grima et deciz fid-29 t'April 2016** il-Qorti tal-Appell qalet hekk[16]-

*"In tema legali din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza interpretattiva u li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza soggett ta' dan l-appell. "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [Vol.XXXIV.III.746].*

…….

*"Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm <u>lejn dak li sostanzjalment gie mitlub</u>*[17] *bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Vol.lXXXV.II.776]." [App.S Carmelo Scicluna et vs Angelo Scicluna, 27 Frar 2015]."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum l-Qorti ssib li r-rikors promotur huwa ifisser b'mod car u l-bazi tal-azzjoni tar-rikorrent hija ben deducibbli u cioe' qeghda tfittex li tinnewtralizza l-effetti legali kollha tal-ittra ufficjali tal-Kummissarju ntimat tal-15 ta' Dicembru 2015, liema ittra nharget a bazi ta' l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406. Din it-tifsira hija bizzejjed biex tissodisfa l-vot tal-ligi ghall-validita' tar-rikors promotur minghajr il-htiega li jigi ndikat xi artikolu tal-ligi specifiku. Il-fatt li sussegwentement fis-sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent *pro et noe* amplifika u elabora ulterjorment fuq il-bazi tal-azzjoni u anke indika li l-azzjoni tieghu skattat in segwitu ghall-hrug tal-ittra ufficjali tal-Kummissarju ntimat li kienet inharget ai termini tal-art 59 tal-Kap 406, ma jbiddel xejn mill-validita' originali tar-rikors promotur.

[14] App 30/03/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** (mhix pubblikata)
[15] PA 24/06/1961 fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol: XLV.ii.696)
[16] Rik Nru 4/14
[17] Sottolinear tal-Qorti

Dan kollu jinghad ukoll f'sintonija mal-principju li att gudizzjarju kemm jista' jkun jigi salvat u mhux annullat. Kif qalet il-Qorti fil-kaz **Antonia Zahra vs Raymond Borg deciz fid-29 ta' Settembru 2015**[18]**-**

*"Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*

*Illi skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza" (**"Aquilina vs Cassar"** – Vol. LXXVI.iv.666).*

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni sejra tigi michuda.

**It-tieni eccezzjoni preliminari**

Din l-eccezzjoni tghid hekk –

*"Illi b'mod preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi."*

Ir-rikorrent *pro et noe* jintroduci l-argument tieghu billi jghid li l-artikolu 59 tal-Kap 406 ma jipprovdix procedura specifika sabiex jigi kontestat titolu ezekuttiv bhal dak vantat mill-Kummissarju ntimat permezz ta' l-ittra ufficjali tieghu. Inoltre, skont dak li jipprovdu l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 58 (1) tal-Kap 406

[18] Rik Gur 1157/14

moqri fid-dawl tieghu, kwistjonijiet dwar il-gbir ta' taxxa u penali amminisstrattiva jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti Civili, li f'cirkostanzi bhal dawk tal-lum tkun dik adita mill-Kummissarju tat-Taxxi meta ntavola l-ittra ufficjali tieghu, u mhux mill-persuna ntaxxata meta tintavola proceduri sabiex tikkontesta t-titolu ezekuttiv li jkun sejjer jigi rez ezegwibbli permezz ta' l-istess ittra ufficjali. Ir-rikorrent ghalhekk isostni li minn dan kollu huwa evidenti li l-att promotur ghall-proceduri odjerni kien proprju l-ittra uficjali tal-Kummissarju ntimat u li tista' tigi mpunjata biss permezz ta' rikors fl-atti taghha – kif inhu l-kaz odjern – u mhux billi tinfetah kawza gdida permezz ta' rikors guramentat bhala att promotur. Ir-rikorrent ikkwota wkoll kazistika fejn il-Qrati semghu kazijiet b'talbiet simili mressqa b'semplici rikors ghar-revoka jew non-ezegwibilita' ta' titolu ezekuttiv vantat mill-Kummissarju ntimat minghajr ma qajmu *ex-officio* xi kwistjoni ta' nullita' tar-rikors. Dawn il-kazijiet kienu **Frank X. Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**[19] u tlett proceduri fl-ismijiet **Carmelo Bonello vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**[20].

Il-Kummissarju ntimat jissottometti minn naha l-ohra li a tenur tal-artikolu 161 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta procediment fil-qrati superjuri ghandu jinbeda b'rikors guramentat (bir-rekwiziti kollha tal-artikolu 156 tal-istess Att) sakemm il-ligi ma tipprovdix mod iehor (artikolu 161 (2)). In kwantu ghalhekk l-artikolu 59 tal-Kap 406 ma jipprovdix li l-ittra ufficjali in ezami tista' tigi kontestata b'rikors mhux mahluf, dan ma jirrizultax li huwa wiehed mill-kazijiet preskritti bi jew skont il-ligi ai termini tal-artikolu 161 (2). Kwindi, jsostni dan l-intimat, l-azzjoni tar-rikorrent kellha necessarjament titmexxa b'rikors guramentat ai termini tal-artikolu 161 (1) tal-Kap 12. L-istess intimat iccita gurisprudenza in sostenn tal-argumenti tieghu, senjatament il-kaz

[19] App Nru 1105/08 Deciza fid-29 ta' Novembru 2013
[20] Rik 491/10, 492/10, 493/10 decizi fil-11 ta' Lulju 2013

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni vs Martin Cassano**[21] u **Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Nterni**[22] . Jghid ukoll li l-artikolu 59 tal-Kap 406 ma jipprovdix procedura sabiex jigi kontestat it-titolu ezekuttiv li ghandu l-Kummissarju. Dan ma jfissirx li r-rikorrent *pro et noe* m'ghandux rimedju disponibbli ghalih izda r-rimedju maghzul mir-rikorrent fil-kaz tal-lum m'huwhiex skont il-ligi ghax hu erroneament ghazel li jmexxi l-azzjoni tieghu b'rikors li mhuwhiex guramentat. Inoltre, b'risposta ghal dak sottomess mir-rikorrent dwar kazijiet simili li nbdew b'rikors mhux mahluf, l-intimat sahaq li f'dawk il-kazijiet ma kinitx giet sollevata eccezzjoni bhal dik tal-lum u ghalhekk tali punt la kien trattat u lanqas deciz fihom. Dawn il-kazijiet m'ghandhomx b'hekk iservu ta' precedent li permezz tieghu jigu accettati kawzi simili mressqa b'rikors mhux mahluf.

**Ikkunsidrat:**

Wara li evalwat il-parametri tal-azzjoni tal-lum il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li lanqas din l-eccezzjoni ma hi gustifikata.

A skans ta' dilungar inutli l-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tas-sentenza preliminari **Bay Investments Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxi deciza fil-25 ta' Mejju 2017**[23] fejn il-mertu huwa prattikament identiku ghal dak odjern inkluz it-talbiet fir-rikors promotur u z-zewg eccezzjonijiet preliminari li qed tinghata decizjoni dwarhom illum minn dina l-Qorti. Infatti, f'dik il-kawza, jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi ukoll kien intavola ittra ufficjali kontra s-socjeta' msemmija ghall-hlas ta' somma flus dovuta bhala taxxa fuq il-valur mizjud. Fl-istess ittra, l-Kummissarju kien ukoll wissa' li dik l-interpellanza kienet qed issir ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu bhala Kummissarju tat-Taxxi kontra l-kumpannija in kwistjoni. Fl-ittra l-Kummissarju kompla jinforma lil din il-kumpannija li jekk tonqos milli thallas l-ammont mitlub fiz-zmien lilu moghti, huwa kien ser jghaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv permezz tal-mandati opportuni. Is-socjeta' Bay Investments Ltd mbaghad kienet ukoll intavolat

[21] Cit Nru 1240/08 deciz fit-12 ta' Frar 2010
[22] Cit Nru 1258/08 deciz fit-30 t'April 2009
[23] Rik 993/16

rikors **mhux mahluf** sabiex tattakka dik l-ittra ufficjali bi premessi simili ghall-kaz tal-lum u b'talbiet identici u cioe' hija talbet lill-Qorti sabiex *"tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali tieghu tal-4 ta' Dicembru 2015 hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u sabiex, konsegwentement, tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tal-kumpannija esponenti, u dan bl-ispejjez kontra tieghu."* Minn naha tieghu il-Kummissarju kien ressaq eccezzjonijiet simili ghal dawk tal-kaz tal-lum, bl-ewwel tnejn ikunu identici ghal dawk in ezami fis-sentenza odjerna. In sostenn tal-pozizzjoni taghhom dwar it-tieni eccezzjoni preliminari mressqa, fejn ukoll kienet qed tigi eccepita n-nullita tar- rikors promotur ghax dan ma kienx guramentat, il-partijiet kwotaw l-istess zewg sentenzi li strahu fuqhom fil-kaz odjern.

Esposta s-similarita' bejn il-kaz appena citat u l-kaz tal-lum, jigi nnutat li l-Qorti f'dak il-kaz kellha dan xi tghid dwar l-eccezzjoni in dezamina -

*"Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat eccepixxa illi r-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi.*

*L-intimat ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza minn din il-Qorti diverament presjeduta fit-30 ta' Jannar 2009 u **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Martin Cassano** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Frar 2010, ghaliex skont hu, dawn is-sentenza juru illi skont il-gurisprudenza Maltija, s-socjeta ntimata kellha semmai tintavola dawn il-proceduri permezz ta' rikors mahluf.*

*Illi pero', wara li rat is-sentenza fl-ismijiet **Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**, il-Qorti taghraf illi dik il-kawza ma kienet xejn konsimili ghal kawza odjerna, kif jargumenta l-intimati, ghaliex il-parametri ta' dak l-azzjoni kienet kompletament differenti. Kif jidher mit-talba maghmula minn Paul Vella, dak li kien qieghed jikkontesta Vella, ma kienx il-validita tat-titolu esekuttiv tal-intimat kif qed taghmel is-socjeta rikorrenti, izda sejjes il-kawza tieghu fuq il-fatt li l-ebda ammont ma' kien dovut minnu*[24]*. Bl-istess mod, fil-kaz bl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Martin Cassano**, Cassano ma uzax il-procedura adoperata minnu biex jikkontesta l-validita tat-titolu esekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, izda minflok sejjes l-azzjoni tieghu fuq il-fatt li l-*

[24] Is-sentenza taghmel referenza ghar-rikors promotur b'dan il-mod: *"B'rikors tat-18 ta' Dicembru 2008 irrikorrent, wara li qal illi hu dejjem ħallas it-taxxa li kellu jħallas skond il-ligi, talab illi l-qorti tgħid illi dak li qiegħed jitlob l-intimat fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2008 ma huwiex dovut."*

*ebda ammont ma kien dovut minnu, u li t-talba tal-Kummissarju kienet preskritta*[25].

*Minn naha l-ohra, fis-sentenzi li ghalihom issir referenza mis-socjeta rikorrenti, u cioe fis-sentenzi fl-ismijiet* ***Carmelo Bonello vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Jannar 2013 u* ***Frank X. Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Jannar 2010, it-talba li saret mir-rikorrenti kienet, tista' tghid, identika ghal dik odjerna, u ma giet ravvizata ebda nullita' fir-rikors promotur.*

*Il-Qorti rat ir-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti u taghraf illi dak li qeghda tikkontesta s-socjeta ntimata m'huwiex il-quantum pretiz mill-intimat, izda proprju l-validita tat-titolu esekuttiv vantat minnu.*

*Skont l-ewwel sub inciz tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:*

***"[m]ingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il- liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu rrikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."***

*Ma jirrizultax illi l-ligi tat-taxxa tipprovdi ghal mod differenti minn dak provdut fil-Kapitolu 12 kif individwu jista' jattakka t-titolu esekuttiv vantat mill-Kummissarju. Lanqas ma jirrizulta illi l-ligi tat-taxxa tipprekludi espressament l-applikazzjoni tal-artikolu sucitat. Ghalhekk, applikat il-principju ta' ubi lex voluit dixit, il-Qorti tqis illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija nfondata, ghaliex skont il-ligi citata is-socjeta' rikorrenti ma kellhiex bzonn tipprocedi permezz ta' rikors mahluf, izda ghandha d-dritt illi tipprocedi permezz ta' rikors semplici.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad .... t-tieni eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi……".*

Il-Qorti ma tara xejn kritikabbli jew li tista zzid aktar f'dan l-insenjament car kristallin, u ghalhekk tghaddi biex tabbraccja dawk l-istess konsiderazzjonijiet u taghmilhom taghha.

[25] Is-sentenza taghmel referenza ghar-rikors promotur b'dan il-mod: *"B'rikors tat-12 ta' Dicembru 2008 ir-rikorrent, wara li qal illi hu dejjem ħallas it-taxxa li kellu jħallas skond il-ligi, u li, f'kull każ, parti mis-somma mitluba mill-intimat waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 47(2) tal-Kap. 372, talab illi l-qorti tiċħad it-talba magħmula mill-intimat fl-ittra ufficjali tal-1 ta'Dicembru 2008."*

Fid-dawl tas-suespost it-tieni eccezzjoni preliminari sejra tigi michuda wkoll.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi u tordna l-prosegwiment tal-proceduri.**

**L-ispejjez konnessi ma' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu tal-Kummissarju ntimat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**